**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 57**

Il-Ġimgħa 24 ta' Novembru, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjuri Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sur Silvio Xerri - Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 57.1 Talba

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Daniel Attard.

## 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

57.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 55 u 56 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 57.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

n/a

## 57.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

57.4.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-appell PAB273/22 rigward l-applikazzjoni PA761/21 il-kunsill ircieva decizjoni fejn l-appell ġie mirbuħ mill-Kunsill.

57.4.2 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li l-Management Letter għadha ma ntbagħtitx u għalhekk hemm bżonn li tali Management Letter tintbagħat kemm jista' jkun malajr mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv preċedenti.

57.4.3 Il-Kunsill irċieva email rigward il-Health Insurance u l-kunsilliera qablu li għandha tinġabar l-informazzjoni kollha relattiva sabiex jkunu jistgħu jitmlew il-formoli appożiti.

57.4.4 Il-Kunsill irċieva email mingħand ir-Reġjun Għawdex sabiex jittieħdu r-ritratti tal-membri tal-kunsill għal-*website* l-ġdida, u għalhekk il-kunsilliera qablu li jitqabbad fotografu sabiex jittieħdu dawn ir-ritratti.

57.4.5 Il-Kunsill irċieva ittra ta' riżenja mingħand il-cleaner li tieħu ħsieb iż-żamma tal-latrina pubblika u għalhekk qed jawtorizza lill-Aġent Segretarju sabiex tinsab persuna alternattiva u titħallas bl-istess rata u fl-istess waqt tinħareġ offerta ġdida sabiex ikun hemm kuntrattur ġdid.

57.4.6 Saret komunikazzjoni minn persuna mal-Kunsill fejn ġie rikjest li xi toroq, fosthom Triq id-Dehra u Triq il-Qattus jidħlu fl-iskema fejn ma jkunx jista' jsiru xogħolijiet fix-xhur tas-Sajf. Il-Kunsilliera qablu unanimament li tali mhux kompetenza tal-Kunsill.

## 57.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

57.5.1 Il-Kunsilliera Sammy Saliba u Salvu Felice Pace saqsew meta ser ikun lest il-playing field. Huma ġew infurmati li William Sultana nforma lill-Kunsill li hemm xi xogħolijiet li jridu jitranġaw sabiex dawn jiġu konformi mal-MCCAA

*Regulations.*

## 57.6 Proġetti tal-Kunsill

57.6.1 Rigward il-proġett ta' Triq Wied Sara, l-Aġent Segretarju nforma lill-Kunsilliera, li saret komunikazzjoni permezz ta' żewġ *e-mails,* lid-Direttur Ġenerali fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u llum stess rċieva risposta li tali ser tiġi diskussa l-ġimgħa d-dieħla.

57.6.2 Il-kunsilliera qablu li terġa tintbagħat komunika lill-Perit inkarigat minn Triq Wied Sara sabiex jibgħat l-ittra oriġinali relattiva għall-varjazzjonijiet ta' Triq Wied Sara, peress li tali ittra oriġinali għadha ma waslitx.

57.6.3 Suġġett li id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali ma jsib l-ebda oġġezzjoni fl-ammont ta' varjazzjonijiet fl-ittra tal-Perit datata 11 ta' Settembru 2023, rigward il-proġett ta' Triq Wied Sara, il-Kunsill japprova dik l-istess ittra datata 11 ta' Settembru 2023 u sussegwentement jidħol f'kuntratt addizzjonali mal-Ministeru għal Għawdex sabiex l-istess Ministeru jgħaddi l-flus kollha addizzjonali msemmija fl-ittra tal-perit u dana suġġett li l-Ministeru ta' Għawdex japprova li d-differenza kollha tinħareġ mill-istess Ministeru.

57.6.4 Il-Kunsill qed japprova li jsiru x-xogħolijiet neċessarji fil-*playing field,* mill-inġinier inkarigat sabiex jiġi rranġat id-dawl sabiex jiġi konformi mal-MCCAA *Regulations*. Qed jiġi maqbul ukoll li għandu jiġi effetwat il-pagament ta' tali xogħolijiet *extra* li jridu jsiru sabiex d-dawl fil-*playing field* jiġi konformi mal-*MCCAA Regulations*.

57.6.5 Il-Kunsill qed jaqbel ukoll li jiġi nkarigat Shawn Vella sabiex issir rampa fid-daħla tal-*playing field* u dana skont l-MCCAA *Regulations.*

57.6.6 Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff ppropona li jsir patching f'parti minn Triq il-Wilġa.

57.6.7 Il-Kunsillier Sammy Saliba saqsa rigward għalqa fi Triq il-Fanal sabiex issir devolution.

## 57.7 Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart

57.7.1 L-Aġent Segretarju nforma lill-Kunsilliera, li għadda l-informazzjoni kollha li għandu lil-accountant sabiex tali rapport jiġi konkluż però s'issa tali rapport għadu mhux lest. Il-Kunsilliera qablu li tiġi mitkellma l-accountant sabiex tali rapport jiġi finalizzat.

## 57.8 Materji oħra

57.8.1 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace għamel referenza għan-*neighbourhood watch* u l-kunsilliera qablu li tinħareġ espressjoni ta' interess sabiex jiġi evalwat kemm hemm residenti nteressati li jiġu nklużi fin-*neighbourhood watch*.

57.8.2 Il-Kunsilliera qablu unanimament li jinxraw b'mitt ewro (€100) kotba għall-użu tal-librerija.

57.8.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li residenta kkomplenjat li meta kienu qed isiru xi xogħolijiet fit-triq fejn tirrisjedi, l-kuntrattur li kien qed jagħmel tali xogħolijiet kissrilha l-bankina u għalhekk il-kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-kuntrattur (Road Construction Co. Limited) sabiex tali bankina tiġi rranġata.

57.8.4 Ġie nnutat li d-*Defribillator* li jinsab installat mal-binja tal-kunsill, ma għadux issiġillat (nfetħet il-kaxxa) u għalhekk il-kunsilliera qablu li għandha tiġi mitkellma l-persuna li tieħu ħsieb id-*Defribillator* sabiex tali kaxxa tiġi rranġata.

57.8.5 Il-Kunsill ser jiċċekkja x'inhi l-proċedura sabiex jitqassmu l-*electric bikes*.

57.8.6 Il-Kunsill qed jikkonferma l-membri magħżula fil-laqgħa numru 8-56, imsejħa b'urġenza u li magħhom ikun hemm is-Segretarja Eżekuttiva Marianne Sagona.

57.8.7 Il-Kunsillier Sammy Saliba nforma lill-Kunsill li l-band WinterMoods għandhom jikkonfermaw l-attendenza tagħhom għall-event tas-sena d-dieħla *Tradtions: Wine, Olive Oil and Honey 2024*.

57.8.8 Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff qed jipproponi li għandha titranġa parti mit-Triq li tagħti mill-Għasri għaż-Żebbuġ u qed jiġi propost li dan isir permezz tat-tender relattiv.

57.8.9 Il-Kunsilliera Liza Mintoff qed tipproponi li jiġi offrut servizz lill-anzjani sabiex dawn jitwasslu f'ċertu postijiet. Il-Kunsill nformha li diġà hemm servizz simili li huwa *Silver T Service.*

57.8.10 Il-Kunsill jaqbel li tiġi mitkellma l-assoċjazzjoni *Heritage Malta* sabiex jitħejja pjan rigwardanti xogħolijiet sabiex tiġi salvagwardjata n-niċċa li tinsab fi Triq il-Lunzjata.

57.8.11 Il-Kunsill ppropona li ssir komunikazzjoni ma' Transport Malta peress li li hemm *zebra crossing* li m'għandhiex dawl, sabiex jiġi stabbilit tali dawl jistax isir u jekk hux fir-responsabbilita' tal-Kunsill.

57.8.12 Ġie maqbul li jiġi mqabbad avukat sabiex tingħata opinjoni legali rigward l-impjieg tal-librara. Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff informa li l-librara kienet ġiet mqabbda mill-Kunsill permezz ta' applikazzjoni.

## 57.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

57.9.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 8-55.

## 57.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

57.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 1 ta' Diċembru, 2023 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati l-Ġimgħa, 1 ta' Diċembru 2023

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**